Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0315(COD)

04.03.2025

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta' bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ
(COM(2024)0567 – C10-0207/2024 – 2024/0315(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Assita Kanko

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta’ approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa korsiva u grassa fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa korsiva u grassa. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 22

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 fir-rigward ta’ bidu progressiv tal-operazzjonijiet tas-Sistema ta’ Dħul/Ħruġ
(COM(2024)0567 – C10-0207/2024 – 2024/0315(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0567),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d) u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0207/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2025),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 jippermetti biss bidu sħiħ tal-operazzjonijiet, li jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jibdew jużaw l-EES bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u jużaw l-EES simultanjament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom.	(3) Ir-Regolament (UE) 2017/2226 jippermetti biss bidu sħiħ tal-operazzjonijiet, li jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jibdew jużaw l-EES bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES u jużaw l-EES simultanjament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom. ***Madankollu, bidu sħiħ tal-operazzjonijiet tal-funzjonalitajiet kollha tal-EES simultanjament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha jikkostitwixxi fattur ta' riskju għar-reżiljenza tal-EES kollha kemm hi u għall-flussi tal-passiġġieri fil-fruntieri esterni.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa biex jibdew jużaw l-EES skont il-livell ta' tħejjija tagħhom u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.	(4) Sabiex l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà meħtieġa fejn jibdew jużaw l-EES u jiġu ffaċilitati l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali meta jibdew joperaw l-EES, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għal bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES li matulu l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu introduzzjoni gradwali tal-EES. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-aġġustamenti jirriflettu l-flussi potenzjali tal-ivvjaġġar u l-istaġuni l-aktar intensivi, jenħtieġ li tali bidu progressiv ikollu durata ta' 180 jum kalendarju.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Għalhekk, sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f'dak ir-Regolament. B'mod partikolari, id-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet issegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 u titqies affidabbli u preċiża.	(5) Sabiex ikun jista' jsir bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jeħtieġ li ssir deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2017/2226 u tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] ("Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"). Regoli oħra stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 li mhumiex affettwati minn dan ir-Regolament japplikaw kif previst f'dak ir-Regolament. B'mod partikolari, id-data rreġistrata fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet issegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2226 u titqies affidabbli u preċiża. ***Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-validità tan-notifiki diġà pprovduti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226.***
[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).	[3] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat approċċ koordinat, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jiġi implimentat f'fażijiet, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri. ***L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li jaċċelleraw l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali jew jibdew joperaw l-EES bis-sħiħ mill-bidu tal-approċċ progressiv.***	(6) L-Istati Membri li ma jibdewx joperaw l-EES bis-sħiħ simultanjament fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha jenħtieġ li jibdew progressivament joperaw l-EES biex jirreġistraw, mad-dħul u mal-ħruġ, id-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar. Jekk ikun possibbli u applikabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar. Sabiex tiġi żgurata tnedija kkontrollata tal-EES u biex jiġu ġestiti u evitati ħinijiet ta' stennija twal potenzjali fil-fruntieri, fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-funzjonalitajiet kollha tal-EES b'mod progressiv u jirreġistraw id-data taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES gradwalment. Sabiex jiġi żgurat l-għan tal-użu sħiħ tal-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha fl-Unjoni, jenħtieġ li l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet jinkludi limiti, li jenħtieġ li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskjerament bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-	(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskjerament bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA, European Union Agency for the Operational Management of Large-Scale IT Systems in the Area of Freedom, Security and Justice) tiżviluppa pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli biex tipprovdi gwida lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-

iskjerament tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li dan il-pjan jinkludi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif speċifikat mill-eu-LISA għal kull fażi ta' mobilizzazzjoni. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri li jibdew jew javvanzaw l-operazzjonijiet iqisu l-kapaċità tas-Sistema Ċentrali kif deskritt fil-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli.***	iskjerament tal-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tagħha u jenħtieġ li tippreżentah lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-Unjoni.
	Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta' qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-	(8) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u mal-eu-LISA, jiżviluppaw pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali u jippreżentaw dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni. Għal kull waħda mill-fażijiet tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti, b'mod partikolari: (i) id-data minn meta l-EES se topera f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera; (ii) il-perċentwal tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri li għandhom jiġu rreġistrati fl-EES mill-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES; u (iii) fejn applikabbli, il-funzjonalitajiet bijometriċi li għandhom jitħaddmu f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera magħżul. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali rispettivi tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkoordinaw b'mod xieraq mal-operaturi tal-infrastruttura fejn jinsabu l-punti ta'

operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.	qsim tal-fruntieri. Sabiex jimmonitorjaw il-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rapporti ta' kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li tali rapporti ta' kull xahar jinkludu miżuri korrettivi, fejn meħtieġ, biex tiġi żgurata l-konformità mal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza possibbli tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.	(9) Minħabba l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES u l-inkompletezza konsegwenti tad-data rreġistrata fl-EES, jenħtieġ li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu ttimbrati b'mod sistematiku mad-dħul u mal-ħruġ matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jqisu l-inkompletezza possibbli tar-rekords tad-dħul/ħruġ jew tar-rekords tar-rifjut ta' dħul u jenħtieġ li jikkunsidraw it-timbri bħala prevalenti fuq l-informazzjoni rreġistrata fl-EES. Barra minn hekk, meta jipprovdu informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar it-tul massimu li jifdal tas-soġġorn awtorizzat tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq it-timbri mwaħħla fid-dokumenti tal-ivvjaġġar. Jenħtieġ li d-data rreġistrata fl-EES tipprevali f'każ li jkun hemm timbru nieqes.
	Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.	(11) Sabiex l-Istati Membri jingħataw iż-żmien meħtieġ biex jaġġustaw għall-bidu tal-EES, għall-ewwel 60 jum kalendarju mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-użu ta' funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ma jkunx obbligatorju. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-Istati Membri joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. Jenħtieġ li l-forniment ta' data bijometrika ma jkunx kundizzjoni tad-dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn l-EES titħaddem mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli [il-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226]. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq	(23) Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom ma tiġix operata l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/399 kif applikabbli [il-jum qabel id-data minn meta l-EES għandha tibda topera kif deċiż mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226]. Fil-punti ta' qsim tal-fruntieri fejn titħaddem l-EES, jenħtieġ li l-verifiki fuq

il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Madankollu, jenħtieġ li japplikaw derogi speċifiċi minn dawn ir-Regolamenti fir-rigward tal-verifika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi biex jippermettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jseħħ mingħajr preġudizzju għall-verifiki tad-detenturi tal-viża bl-użu tal-marki tas-swaba', f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 787/2008.	il-fruntieri jitwettqu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226 u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Madankollu, jenħtieġ li japplikaw derogi speċifiċi minn dawn ir-Regolamenti fir-rigward tal-verifika fil-punti ta' qsim tal-fruntieri li fihom titħaddem l-EES mingħajr funzjonalitajiet bijometriċi biex jippermettu l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Dan jenħtieġ li jseħħ mingħajr preġudizzju għall-verifiki tad-detenturi tal-viża bl-użu tal-marki tas-swaba', f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex ikun jista' jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES f'kull Stat Membru u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri, b'mod sħiħ jew parzjali. F'każ ta' sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F'każ ta' sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES. ***Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati mal-iskjerament tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li***	(24) Sabiex ikun jista' jsir aġġustament effettiv tal-arranġamenti tekniċi u organizzattivi u biex jiġu indirizzati ċirkostanzi eċċezzjonali potenzjali ta' falliment tas-Sistema Ċentrali tal-EES, tas-sistemi nazzjonali jew tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, jew ħinijiet ta' stennija eċċessivi fil-fruntieri tagħhom, matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissospendu l-operazzjonijiet tal-EES f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri, b'mod sħiħ jew parzjali. F'każ ta' sospensjoni parzjali, jenħtieġ li r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES tiġi sospiża. F'każ ta' sospensjoni sħiħa, jenħtieġ li ma tiġi rreġistrata l-ebda data fl-EES.

jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, u jenħtieġ li tiġi estiża b'60 jum jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24 a) Sabiex jittaffew ir-riskji addizzjonali relatati mal-introduzzjoni tal-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà, f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri jsiru eċċessivi, li jissospendu r-reġistrazzjoni ta' data bijometrika fl-EES wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. Jenħtieġ li tali sospensjoni tkun possibbli għal perjodu limitat ta' 60 jum wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) L-objettiv ta' dan ir-Regolament, li	(27) L-objettiv ta' dan ir-Regolament, li

jawtorizza derogi mir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/299 li jipprevedu bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.	jawtorizza derogi mir-Regolament (UE) 2017/2226 u r-Regolament (UE) 2016/399 li jipprevedu bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri" tfisser stima minn Stat Membru tal-għadd ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'kull Stat Membru abbażi tal-medja annwali tal-għadd totali ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għal soġġorn qasir f'dak l-Istat Membru kkalkulat għat-3 snin preċedenti mid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.	(c) "għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri" tfisser stima minn Stat Membru tal-għadd ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 f'kull Stat Membru abbażi tal-medja annwali tal-għadd totali ta' qsim tal-fruntieri ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw għal soġġorn qasir f'dak l-Istat Membru kkalkulat għas-sena kalendarja preċedenti mid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pjanijiet ta’ introduzzjoni	Pjanijiet ta’ introduzzjoni u rapporti ta’ kull xahar

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta’ introduzzjoni ta’ livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b’kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta’ introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol, inklużi l-limiti tal-kapaċità tas-Sistema Ċentrali tal-EES.	1. Sa [it-30 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta’ Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, kif ukoll lill-Europol, bi pjan ta’ introduzzjoni ta’ livell għoli dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, b’kont meħud tal-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4. Dak il-pjan ta’ introduzzjoni għandu jinkludi gwida dwar l-użu tal-EES lill-Istati Membri u lill-Europol.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], f’konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjan ta’ introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-	2. Sa [is-60 jum kalendarju wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament], f’konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-eu-LISA, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali dwar il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, filwaqt li jqisu l-

pjan ta’ introduzzjoni ta’ livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu u l-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.	pjan ta’ introduzzjoni ta’ livell għoli msemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, u jippreżentaw dawk il-pjanijiet lill-Kummissjoni. Jekk Stat Membru ma jibdiex jopera l-EES bis-sħiħ sa minn meta jibda l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-pjan ta’ introduzzjoni nazzjonali għandu jispeċifika kif il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom jiġu ssodisfati.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal kull waħda mill-fażijiet stabbiliti fl-Artikolu 4, il-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar il-limiti u r-rekwiżiti stabbiliti f’dak l-Artikolu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mit-30 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta’ kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4.	4. Mit-30 jum kalendarju wara d-data li minnha l-EES tibda topera skont kif deċiż mill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta’ kull xahar lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta’ introduzzjoni nazzjonali tagħhom, inklużi miżuri korrettivi fejn meħtieġ biex jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-

Artikolu 4.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	5. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bl-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ tal-pjan ta' introduzzjoni ta' livell għoli u tal-pjanijiet ta' introduzzjoni nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 63(6) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul u mal-ħruġ f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma' taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 10 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.	Mill-ewwel jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, kull Stat Membru għandu jibda juża l-EES mad-dħul u mal-ħruġ f'punt ta' qsim tal-fruntiera wieħed jew aktar ma' taħlita ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-ajru, tal-art u tal-baħar, jekk possibbli u applikabbli, biex jirreġistra u jaħżen data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226. Sa mhux aktar tard mit-30 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw fl-EES mill-inqas 10 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES għandu jkun fihom data bijometrika.	3. Mhux aktar tard mid-90 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi mill-inqas f'nofs il-punti ta' qsim tal-fruntieri tagħhom. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw mill-inqas 35 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru. Il-fajls individwali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226 li huma rreġistrati fl-EES għandu jkun fihom data bijometrika.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mhux aktar tard mill-150 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom ikomplu jirreġistraw fl-EES mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.	4. Mhux aktar tard mill-150 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom ikomplu jirreġistraw fl-EES mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Mhux aktar tard mill-170 jum kalendarju wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.	5. Mhux aktar tard mill-170 jum kalendarju tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-Istati Membri għandhom joperaw l-EES b'funzjonalitajiet bijometriċi fil-punti ta' qsim tal-fruntieri kollha tagħhom u għandhom jirreġistraw fl-EES iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2017/2226.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jipprovdu, bi kwalunkwe mezz, evidenza kredibbli li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, li għandhom dritt ta' residenza fi Stat Membru ospitanti skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit, jew li għandhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil.	Din il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jipprovdu, bi kwalunkwe mezz, evidenza kredibbli li jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu skont id-dritt tal-Unjoni, jew li għandhom permess ta' residenza jew viża għal soġġorn twil.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih u mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni lill-Kummissjoni u lill-eu-	Fiż-żewġ każijiet, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-operaturi tal-infrastruttura li tospita punti ta' qsim tal-fruntieri u lit-trasportaturi.

LISA r-raġuni għas-sospensjoni parzjali jew sħiħa u d-durata mistennija tagħha u jiżguraw li l-operaturi tal-infrastruttura li jospitaw il-punti ta' qsim tal-fruntieri u t-trasportaturi jiġu infurmati kif xieraq dwar tali sospensjoni. Ladarba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għas-sospensjoni jieqfu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA.	Mhux aktar tard minn 6 sigħat wara l-bidu tas-sospensjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-eu-LISA r-raġuni għas-sospensjoni parzjali jew sħiħa u d-durata mistennija tagħha. Ladarba ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li wasslu għas-sospensjoni jieqfu, l-Istati Membri għandhom itemmu s-sospensjoni u jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni, lill-eu-LISA u lill-operaturi tal-infrastruttura li tospita punti ta' qsim tal-fruntieri u lit-trasportaturi b'dan.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk inqas minn 80 % tal-fajls individwali rreġistrati fl-EES matul il-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES ikun fihom data bijometrika, il-perjodu stabbilit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż awtomatikament b'60 jum kalendarju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sa mhux aktar tard mill-10 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, l-eu-LISA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni bi statistika li tippermetti lill-Kummissjoni tivverifika jekk dan il-perċentwal ikunx intlaħaq. Sa mhux aktar	***imħassar***

tard mit-30 jum kalendarju wara t-tmiem tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar l-eżitu tal-verifika tagħha.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) L-Artikolu 7(2) u (3) għandu jieqaf japplika 300 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;	(d) L-Artikolu 7(2) għandu jieqaf japplika 240 jum kalendarju wara d-data deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament (UE) 2017/2226;

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), prevista fir-Regolament 2017/2226 (ir- "Regolament dwar l-EES"), hija komponent ewlieni tal-ġestjoni tal-fruntieri taż-żona Schengen. L-EES tirreġistra fil-bażi tad-data ċentralizzata tagħha d-dħul, il-ħruġ u r-rifjuti ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' 29 Stat Membru ta' Schengen għal soġġorn qasir. Hija pass sinifikanti fl-isforzi tal-UE biex ittejjeb is-sigurtà u l-effiċjenza fil-fruntieri esterni tagħha. Għall-ewwel darba, sistema se tiġbor data bijometrika, jiġifieri l-immaġnijiet tal-wiċċ u l-marki tas-swaba', kif ukoll data alfanumerika, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni. L-EES se tagħti lill-Istati Membri ta' Schengen aċċess f'ħin reali għad-data personali, l-istorja tal-ivvjaġġar u l-informazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar jekk jikkonformawx mal-perjodu awtorizzat ta' soġġorn qasir fiż-żona Schengen. B'riżultat ta' dan, l-EES għandha tnaqqas il-probabbiltà ta' frodi tal-identità u ta' soġġorn wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, u fl-aħħar mill-aħħar se ssaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen. Bħala riżultat tal-installazzjoni ta' infrastruttura awtomatizzata tal-fruntieri, l-EES għandha fl-aħħar mill-aħħar tnaqqas ukoll il-ħinijiet ta' stennija għal vjaġġaturi *bona fide* fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

L-iżvilupp tal-EES ħa aktar żmien milli mistenni u d-dati fil-mira għall-bidu tal-operazzjonijiet ma ntlaħqux. Wieħed mir-rekwiżiti għall-bidu tal-operazzjonijiet tal-EES huwa li l-Kummissjoni tirċievi "notifika ta' tħejjija" minn kull Stat Membru. Bħalissa, tliet Stati Membri indikaw li mhumiex f'pożizzjoni li jissottomettu tali notifika. Id-dewmien tagħhom huwa dovut għal taħlita ta' kwistjonijiet domestiċi u tħassib dwar l-istabbiltà tas-sistema ċentrali ġestita mill-eu-LISA.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, diversi partijiet ikkonċernati involuti fl-operazzjonijiet tal-EES qiesu li l-introduzzjoni maqbula ta' proċessi ġodda fil-fruntieri esterni għandha tkun preċeduta minn perjodu ta' aġġustament għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-vjaġġaturi. It-tnedija sħiħa ta' sistema ġdida tal-IT fuq skala kbira fil-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri tista' toħloq riskji għal vjaġġar sigur u bla xkiel.

Madankollu, ir-Regolament EES jippermetti biss bidu sħiħ tal-operazzjonijiet, li jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jibdew jużaw l-EES bis-sħiħ u simultanjament għall-vjaġġaturi kollha li huma soġġetti għal reġistrazzjoni fl-EES fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni kollha tagħhom. Ma jipprevedix l-għażla ta' perjodu ta' aġġustament.

F'dan il-kuntest, f'Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat proposta fir-rigward tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet tal-EES. Il-bidu gradwali tas-sistema jinvolvi użu akbar mill-Istati Membri fuq perjodu ta' 180 jum sal-introduzzjoni sħiħa.

Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur tappoġġja l-EES u l-għanijiet tagħha biex ittejjeb is-sigurtà u tiffaċilita l-flussi tan-nies fil-fruntieri esterni tal-UE. Il-ħtieġa għal sigurtà msaħħa tal-fruntieri dehret biċ-ċar meta seħħet il-mewġa orribbli ta' attakki terroristiċi fl-Istati Membri tal-UE, inkluż fi Franza u fil-Belġju, fl-2015 u fl-2016. Filwaqt li tifhem id-diffikultà li titwaqqaf sistema ġdida ewlenija li tinkludi komponenti ġodda ta' hardware u software kif ukoll il-modifika tal-proċeduri fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, ir-rapporteur jiddispjaċiha li tmien snin wara l-

adozzjoni tar-Regolament, is-sistema għadha ma bdietx topera. Mill-2017, it-theddid għas-sigurtà ma naqasx: għall-kuntrarju. Sabiex finalment tippermetti l-introduzzjoni sħiħa tal-EES, ir-rapporteur fil-prinċipju taqbel mal-bidu progressiv propost tal-operazzjonijiet.

Ir-Rapporteur tipproponi l-bidliet li ġejjin għall-proposta tal-Kummissjoni:

1. Ir-rapporteur tenfasizza li l-introduzzjoni progressiva tal-EES matul il-perjodu ta' 180 jum tal-bidu progressiv tal-operazzjonijiet hija volontarja. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jibdew jużaw l-EES bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi soġġetti għar-reġistrazzjoni fl-EES mill-ewwel jum fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha tagħhom simultanjament għandhom ikunu jistgħu jagħmlu dan.

2. Minkejja dan, l-Istati Membri li minflok jiddeċiedu li jużaw introduzzjoni gradwali tal-EES għandhom jingħataw aktar flessibbiltà milli previst fil-proposta tal-Kummissjoni. Minflok ma jibdew minn mill-inqas 10 % mill-ewwel jum, l-Istati Membri għandhom jitħallew jilħqu sa 10 % fl-ewwel 30 jum mill-bidu progressiv tal-operazzjonijiet. U minflok ma jirreġistraw mill-inqas 50 % tal-għadd stmat ta' qsim tal-fruntieri fl-EES sad-90 jum, għandhom jilħqu mill-inqas 35 %. Dawn il-perċentwali aġġustati jirriflettu r-realtà li l-introduzzjoni ta' sistemi kumplessi ġodda normalment tkun esponenzjali, mhux lineari.

3. Ir-rapporteur tissottolinja li l-introduzzjoni tal-Istati Membri ma għandhiex tibqa' tinżamm lura minn limitazzjonijiet fil-komponent ċentrali tal-EES, ġestita mill-eu-LISA.

4. Ir-rapporteur tiċċara ċerti dispożizzjonijiet rigward il-pjan ta' introduzzjoni u r-rekwiżiti ta' rapportar ta' kull xahar, il-bażi li fuqha jiġu kkalkulati l-perċentwali u l-flussi ta' informazzjoni matul kwalunkwe sospensjoni possibbli tal-użu tas-sistema.

5. Ir-rapporteur tnaqqas il-perjodu propost wara l-bidu progressiv tal-operazzjonijiet li matulu l-Istati Membri jistgħu jissospendu parzjalment l-operazzjonijiet tal-EES u tenfasizza li l-Istati Membri li għadhom ma ħarġux id-dikjarazzjonijiet ta' tħejjija tagħhom issa jridu jagħmlu dan b'mod urġenti sabiex is-sistema tkun tista' tibda fil-ħarifa tal-2025 – perjodu kalm għall-ivvjaġġar transfruntier.